**FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI**
*Foundation for Educational Services*

## Workshop Numru 8

**Mary Louise Schembri**
**Il-Ġimgħa u s-Sibt**
**Lingwa: Malti**

# *L-iżvilupp ta' ħiliet u abbiltajiet fil-kitba ta' paragrafi waqt il-lezzjoni ta' l-istorja.*

## Deskrizzjoni tal-Workshop

Dan il-workshop huwa mmirat għall-għalliema fl-iskejjel sekondarji, speċjalment l-għalliema ta' l-istorja. Ħafna drabi nsib li l-istudenti ma jagħmlux ix-xogħol tad-dar għax isibu diffikulta` biex jiktbu f'paragrafi. Din tirrifletti l-importanza tal-kitba fis-suġġetti kollha.

Matul dan il-workshop ser niddiskutu flimkien attivitajiet li jgħinu l-istudenti jiżviluppaw l-ħila tagħhom li jesprimu lilhom infushom bil-kitba ta' paragrafi. Dawn l-attivitajiet ippruvajthom ma' l-istudenti tiegħi waqt il-lezzjonijiet ta' l-istorja. Dan il-proċess jiżviluppa bil-mod il-mod matul is-sena. Wieħed irid ukoll iżomm f'moħħu li l-proċess jimxi 'l-quddiem u jvarja minn klassi għall-oħra u minn student għall-ieħor

B'hekk l-għan tiegħi hu li nibdew proċess ta' ħsieb li jwassal lill-għalliema biex jiżviluppaw jew japplikaw attivitajjiet addattati skond l-ħila u d-diffikulta` li jiltaqgħu magħhom l-istudenti tagħhom.

## Nota Bijografika

Mary Louise Schembri llha għal dawn l-aħħar disa' snin tgħallem l-Istorja ta' Malta fi skola sekondarja tas-subien. Wara li rat kif taħdem il-"Literacy hour" fi skejjel ġewwa Newham l-Ingilterra, bdiet taħdem fuq programm ta' litteriżmu ġewwa l-iskola fejn tgħallem. Minn dak in-nhar dan il-programm sar parti mit-'timetable' ta' l-iskola.

Kien minħabba l-interess tagħha li tipprova tgħin l-istudenti fil-proċess tal-kitba li wassalha biex tattendi għat-tieni 'Invitational Writing Workshop'. F'dan il-workshop iltaqgħet ma' ideat u metodi varji ta' kif tista' tgħin l-istudenti tagħha jiżviluppaw l-ħiliet tagħhom fil-kitba. F' Novembru u Diċembru li għadda, hija għamlet ukoll il-kors fil-livell avvanzat.

Bħalissa qiegħdha taħdem fuq il-Masters Degree ma' l-Universita` ta' Malta. Fir-riċerka li qiegħdha tagħmel qed tipprova ssib l-aħjar metodoloġija li biha studenti batuti jitgħallmu l-istorja. Hi wkoll 'part-time lecturer' fl-Universita` ta' Malta.

Din hija wkoll it-tieni darba li qiegħda tagħmel workshop f' attivitajiet organizzati mill-FES.